MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 345/2005

**Alcasons & Co. Ltd.**

**vs**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Jannar 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' tmien mija u sittax –il Lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm816.54), liema somma tirrapprezenta prezz ta' xoghol effetwat mis-socjeta' attrici ta' *laundry* u *dry cleaning,* liema xoghol sar skond is-sengha u l-arti u gie ikkonsenjat lill-konvenut. Illi l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont ta' tmien mija u sittax –il Lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm816.54) u dan baqa' inadempjenti. Illi ghalhekk l-attur qieghed jitlob illi l-konvenut jigi ikkundannat li jhallas l-ammont ta' tmien mija u sittax –il

Lira Maltin erbgha u hamsin centezmu (Lm816.54) rapprezentanti xoghol ordnat u ikkonsenjat bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet iss-egwenti:-
1. Illi l-azzjoni hija preskritta skond l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
2. Illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex debitrici tal-attur.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sittax –il Lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm816.54), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------